MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2014

Numru 706/2005

Il-Pulizija

(Spett. Robert Vella)

vs

Carmelo Micallef u Alexander Micallef

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputati ta' karta ta' identita' 310963m u 325769m rispettivanment, akkuzati talli fl-10 ta' Awissu 2005 ghal habta tat-8.30pm gewwa il-Hamrun:

- attakkaw jew ghamlu resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra membri tal-korp tal-Pulizija inkarigati minn servizz pubbliku filwaqt li huma kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni ta' dan is-servizz;
- fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi kisru l-paci pubblika b'ghajjat u glied;
- fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi qalu kliem oxxen u dagha fil-pubbliku;

Kontra Carmelo sive Charles Micallef wahdu:

- fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna griehi ta’ ntura hafifa fuq il-persuna ta’ Ps 86 A.Lia u Pc 224 J.Farrugia skond kif iccertifika Dr.Alan Drago M.D ta’ l-Isptar San Luqa;
- fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi ghamel hsara fil-qmis ta’ Ps 86 A.Lia liema hsara hija anqas minn ghaxar liri Maltin (Lm10) ghad-detriment tal-Gvern ta’ Malta;

Kontra l-imputati flimkien:

- li huma recidivi b’sentenzi moghtija fir-rigward Carmelo Micallef fit-23 ta’ Ottubru 1997, 9 ta’ Ottubru 2002 u 9 ta’ Gunju 2004 u fir-rigward Alexander Micallef fit-23 ta’ Ottubru 1997, 2 ta’ Frar 1998 u 15 ta’ Gunju 2004.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament, mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet it-tratttazzjoni;

Ikkonsidrat:

Huwa fatt illi l-incident li ta’ segwitu ghall-akkuzi sehh fl-ghassa tal-pulizija tal-Hamrun fejn l-imputati kienu marru minn jeddhom fuq talba tal-pulizija, precisament ta’ Ps86 Anthony Lia. Is-Surgent kien qabel f’dik il-gurnata mar fejn joqghod l-imputat Alexander Micallef biex jesegwixxi ‘respite warrant’ mahrug mill-Qorti kontra tieghu. Dan ta’ l-ahhar inserta kien x-xoghol dak il-hin pero’ s-Surgent kellem lill-mama’ tieghu u dik l-istess filghaxija tfaccjaw l-imputati l-ghassa tal-Hamrun. Hawnhekk, l-imputat Alexander Micallef, li kontra tieghu kien mahrug il-mandat, kien akkompanjat minn huh Carmelo Micallef. Fix-xhieda tieghu is-Surgent jistqarr illi l-imsemmi imputat Micallef kif gie infurmat bil-mandat u l-konsegwenzi jekk ma jhallas li kien jinkludi li jisfa’ arrestat izda dan insista li ma kienx ser jhallas u li kien ahjar li jigi arrestat il-Magistrat li ordna l-mandat. Kien f’dan stadju li intrometta huh, l-imputat l-iehor Carmelo Micallef, li fost il-kliem vojt stqarr li sakemm ikun hemm hu huh ma kienx ser jigi arrestat. Huwa gie ordnat johrog mill-ghassa fejn inizjalment irrifjuta izda finalment kif kien barra jirrepeti li lil huh ma kienux ser jarrestaw fajjar daqqa ta’ ponn lis-Surgent. Intervjena Pc224 u gie arrestat dan Carmelo Micallef. Fil-kollutazzjoni weggaw b’mod hafif l-imsemmi Surgent u Pc224. L-imputat Carmelo Micallef sofra griehi li gew iccertifikati bhala gravi mic-certifikati medici esebiti in atti. Fl-istess kolutazzjoni garbet hsara l-qmis tal-uniformi tas-Surgent fl-ammont ta’ Lm2.64.

Issa, l-imputazzjonijiet kontra l-imputati jixluhom: kontra t-tnejn li huma, b’attakk u resistenza u b’hebb u theddid kontra membri tal-Pulizija, wkoll li kisru l-paci pubblika b’ghajjat u glied, li qalu kliem oxxen u dagha fil-pubbliku, u li huma recidivi; jixlu lill-imputat Carmelo Micallef wahdu li

ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna tas-surgent u l-kuntestabbli u li ghamel hsara ta' anqas minn 23.29 euro lill-uniformi tas-Surgent.

Ikkonsidrat:

Li mill-provi l-imputazzjonijiet li jirrigwardaw lill-imputat Alexander Micallef ma jinsabux pruvati. Dak li jirrisulta kontra tieghu hu biss l' insistenza tieghu li ma ridtx ihallas ir-'respite warrant' mahrug kontra tieghu fuq ordni ta' qorti fl-ammont ta' Lm50. Ir-rifjut 'per se' ma jikkostitwix reat u mill-kumplament il-provi ma jsostnu l-ebda offiza ohra, kwindi lanqas r-recidiva.

Il-posizzjoni hija differenti ghal dak li jirrigwarda l-imputat l-iehor Carmelo Micallef. Huwa indubitat, fil-fehma tal-Qorti, illi l-incident gie precipitat minnhu; intrometta ruhu b'arroganza, naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija u agixxa b'mod li fic-cirkostanzi kien spropizitat meta bi ftit bon sens, aktar meta kien jabita minuti boghod mill-ghassa', seta' jevita li s-sitwazzjoni tiskala. Il-Qorti hi sodisfatta li l-akkuzi migjuba kontra dan l-imputat ghal dak li jirrigwarda l-attakk u resistenza, l-hebb u theddid lill-membri tal-korp tal-pulizija, l' ikkagunar ta' griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna tal-istess membri u li ghamel hsara fuq uniformi ta' wiehed minnhom jirrisultaw sodifacjentement pruvati, tali li tirrizulta wkoll ir-recidiva.

Ghal fini ta' piena l-ligi vigenti dak iz-zmien, illum hafna izjed gravuza, ghal fatt biss tal-attakk u resitenza kienet tipprevedi prigunerija minn erba xhur sa sena. Fil-kaz in meritu l-Qorti sejra tapplika il-prigunerija sospiza minhabba il-fatt biss li l-pulizija, fil-kaz in meritu, setghaw oltrepassaw il-limiti ta' ragjonevolezza fl-arrest tal l-imsemmi imputat.

Ghaldaqstant, fil-waqt li tillibera lill-imputat Alexander Micallef minn kull imputazzjoni diretta kontra tieghu, issib l-imputat l-iehor Carmelo Micallef hati:

- ta' attack u resistenza li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra membri tal-pulizija;
- li ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq l-istess membri tal-pulizija;
- li ghamel hsara fl-uniformi ta' Ps86;
- li b'hekk irrenda ruhu recidiv;

Tilliberah mill-bqija.

Rat l-Artikolu 96,221, 325(d), 49 u 50 u 17 tal-Kap 9. Tikkundannah sitt xhur prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 qeghdha tissospendihom ghal sena mill-lum hlief jekk hu jikkometti reat iehor f'dan il-perjodu operattiv.

Il-Qorti spiegat lill-imputat ir-responsabiltajiet tieghu skond is-sentenza.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------